# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 15**

**Rikors numru 715/11 AF**

**Anthony Abela u martu Nadine Abela u Venues Company Limited (C – 27160)**

**v.**

**Ronald Cordina, Lombard Bank (Malta) p.l.c. (C – 1607) u Reġistratur tal-Qorti**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi u l-

eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat, u laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Bank intimat;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi talbu r-ritassa għall-finijiet tal-artikolu 64(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi tordna t-tħassir tat-taxxa maħruġa mir-Reġistru tal-Qorti wara s-sentenza fl-ismijiet *Anthony Abela et vs. Ronald Cordina et* (Ċitazzjoni Numru 381/10 RCP) maqtugħa fl-24 ta' Frar, 2011, u sabiex ir-Reġistratur joħroġ taxxa mill-ġdid taħt dawk il-provvedimenti li dik il-Qorti kien jidhrilha xierqa li tagħtih;

3. Fit-Tweġiba mressqa minnu l-Bank intimat jgħid li jmissu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju billi l-ħruġ ta' taxxa jaqa' fil-kompetenza tar-Reġistratur tal-Qorti u l-Bank ma jindaħal f'xejn f'dan ir-rigward. Laqa' wkoll billi qal li l-kawża tressqet wara ż-żmien ta' xahar minn mindu nħarġet it-taxxa attakkata kif maħsub fl-artikolu 64(1) tal-Kap. 12. Fil-mertu, qal li l-kawża li dwarha t-taxxa qed tiġi kontestata kienet waħda dikjaratorja fejn ma ġie likwidat ebda ammont;

4. Fit-Tweġiba tiegħu d-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jgħid li l-azzjoni hija monka u nulla fil-konfront tar-Reġistratur tal-Qorti billi r-Reġistratur m'għadux kontemplat fil-liġi għaldaqstant għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Jilqa' wkoll billi li jaqbel li hemm lok għar-ritassa mitluba mill-atturi billi t-taxxa kellha tinħadem *ad valorem*, u din il-kawża

setgħet ġiet evitata kieku saru diskussjonijiet miegħu. Minkejja dan, qal li joqgħod għal kull ordni li jingħata mill-Qorti;

5. Illi minkejja li ġie notifikat, l-intimat Ronald Caruana ma ressaq ebda kontestazzjoni għall-azzjoni tal-atturi;

6. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qieset kif ġej:

> *"Ikkunsidrat illi l-Art. 64(1) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:*
>
> > *"L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*
> >
> > *"Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax min kienet il-parti li talbet il-hrug tat-taxxa u lanqas ma jirrizulta meta din giet notifikata lid-debitur. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis li, meta gew inizjati dawn il-proceduri, kien skada t-terminu impost mill-provvediment tal-ligi fuq citat. Inoltre, l-istess artikolu tal-ligi jipprovdi illi:*
> >
> > > *"Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta."*
> >
> > *"Ghalhekk l-eccezzjonijiet preliminari ta' Lombard Bank plc qeghdin jigu michuda.*
> >
> > *"Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, jirrizulta illi fit-taxxa mertu ta' din il-kawza inharget a bazi tal-Art. 4(2) tal-iskeda A tal-Kap. 12.*
> >
> > *"Issa fil-kawza li taghha ntalab l-intaxxar mir-registratur it-talbiet kienu testwalment is-segwenti:*
> >
> > > *"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*
> > >
> > > *"i.Tiddikjara illi l-ittra ufficcjali pprezentata mill-konvenut fid-19 ta' Novembru 2009 ma taghtix id-dritt lill-konvenut li jipprezenta mandati ezekuttivi fil-konfront tas-socjetà attrici Venues Limited.*

> *"ii. Konsegwentement tiddikjara irriti u nulli l-proceduri ta' subbasta numru 88/09 fl-ismijiet Ronald Cordina vs Anthony abela et.*
>
> *"iii. Konsegwentement tiddikjara li l-liberazzjoni maghmula mir-Registratur ta' din il-Qorti hija nulla u bla ebda effett u tordna l-kancellament tal-istess liberazzjoni billi taghti wkoll dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.*
>
> *"Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni."*

*"Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Grech noe v. Abela et, deciza fil-25 ta' Jannar 2002:*

> *"Meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cioè ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, hew tal-'Quod disputatum est', li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process; u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjoni orali, u 'multo magis' l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda."*

*"Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dak li kellu jigi determinat fil-kawza kien essenzjalment punt ta' ligi. Ma sar fiha ebda determinazzjoni ta' xi valur jew kanonizzazzjoni ta' kreditu. Il-vertenza f'dik il-kawza kienet tirrigwarda essenzjalment l-esekuzzjoni ta' kreditu u mhux il-kreditu per se. Il-Qorti fil-kawza qieset infatti l-htiega ta' dikjarazzjoni gudizzjarja ghall-esekuzzjoni tal-kreditu, (liema dikjarazzjoni fil-fatt intalbet fi proceduri separati) u b'hekk irriteniet li ma kienitx tapplika ghas-sitwazzjoni l-procedura kontemplata fl-Art. 256(2) tal-Kap. 12. Il-kawza trattat essenzjalment punti strettament legali li in relazzjoni taghhom kien totalment irrelevanti l-ammont tad-debitu li kien qieghed jigi reklamat. Il-Qorti ma taqbilx fil-kuntest mal-fehma li wera r-Registratur kemm fit-twegiba tieghu ghall-kawza kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti. Tqis anzi li d-dritt intaxxat mal-prezentata tal-kawza kien bazat fuq interpretazzjoni korretta tat-Tariffa applikabbli*";

7. Illi l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") appellaw mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tal-10 ta' Marzu, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata w tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

8. Illi permezz ta' Risposta tat-30 ta' Marzu, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Bank appellat (minn issa 'l hemm imsejjaħ "Lombard") warrab l-aggravji kollha tal-appellanti w saħaq li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell;

9. Illi l-intimati appellati l-oħrajn Ronald Cordina (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-kreditur") u r-Reġistratur tal-Qorti (aktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-Reġistratur"), minkejja li laqgħu n-notifika kif imiss, naqsu li jdaħħlu Risposta;

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tas-16 ta' Ġunju, 2020, meta l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

12. Illi din hija azzjoni għal ritassa skond ma jipprovdi l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti qegħdin jitolbu li titħassar it-taxxa ġudizzjarja tad-drittijiet ta' kawża fejn ir-Reġistratur intaxxa l-istess drittijiet fuq il-bażi ta' punt ta' liġi u mhux fuq bażi "*ad valorem*". L-ewwel

Qorti, filwaqt li ċaħdet it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tad-Reġistratur, laqgħet l-eċċezzjonijiet ta' Lombard;

13. Illi **l-aggravju waħdieni** mqajjem mill-appellanti mis-sentenza appellata huwa dak li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi billi t-taxxa nħadmet fuq "punt ta' liġi" meta kellha tinħadem fuq il-valur tal-proprjetà mertu ta' l-istess proċeduri. Jgħidu wkoll li r-Reġistratur saħansitra stqarr li kien sar żball dwar il-kriterju tal-intaxxar u li t-taxxa kellha tinħadem "*ad valorem*". Il-kreditur, l-aktar persuna li għandha interess f'din il-kawża, ma daħħalx Tweġiba;

14. Illi Lombard jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li l-ewwel Qorti mxiet tajjeb fil-ġudizzju tagħha u tat fehma mistħoqqa, wara li qieset bir-reqqa t-talbiet attriċi li huma ta' natura dikjaratorja. Tgħid li dak li kien qed jiġi kontestat quddiem il-Qorti fil-kawża li dwarha nħarġet it-taxxa attakkata ma kienx il-valur tal-proprjetà subbastata, iżda l-metodu tal-eżekuzzjoni tat-titolu li kellu l-kreditur. Tgħid ukoll li hija l-Qorti li għandha s-setgħa tiddetermina l-kwestjoni li għandha quddiemha u l-ebda wieħed mill-partijiet fil-kawża ma għandu dan il-jedd, lanqas ir-Reġistratur appellat;

15. Illi minn dak li ħareġ mill-atti ta' din il-kawża, jidher li r-Reġistratur qies in-natura nnifisha tal-azzjoni miftuħa mill-appellanti quddiem il-Qorti fil-kawża li dwarha nħarġet it-taxxa bħala kawża ta' "valur jibqa' mhux ċert

jew mhux likwidu"[1]. Dan jidher rifless ukoll mit-tielet premessa tar-Rikors promotur ta' din il-kawża. L-appellanti jgħidu li r-Reġistratur messu ħaddem l-artikolu 3(1) tal-iSkeda "A" tal-Kodiċi;

16. Illi huwa stabilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwestjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "*il complesso del tema contenzioso*" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni[2];

17. Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa għal żmien twil, it-tassazzjoni "*ad valorem*" tissejjes fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjetà jew jeddijiet marbutin ma' dan[3]. Meta kawża ma taqax f'kategorija bħal dawn li għadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni ġeneralment issir a bażi ta' dikjarazzjoni;

---

[1] Par. 4(2) tal-Iskeda "A" tal-Iskeda A tal-Kap 12
[2] P.A. **24.7.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.424**)
[3] Ara, per eżempju, P.A. **22.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ Grech et vs Buħaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.811**)

18. Illi f'dan il-każ huwa minnu li l-ebda ammont jew somma ma ntalbu fl-att promotur li bih kienet infetħet il-kawża li dwarha nħarġet it-taxxa attakkata (minn issa 'l hemm imsejħa "il-kawża oriġinali"[4]). L-ebda valur ma jidher mid-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża magħha. Huwa minnu wkoll li, bħala prinċipju stabilit, il-valur ta' kawża jitqies fuq it-talbiet u mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi[5], għalkemm l-interess ġuridiku ta' parti f'kawża huwa x'aktarx determinanti biex wieħed jasal biex jistabilixxi t-taxxa tkunx "*ad valorem*" jew dikjarazzjoni[6];

19. Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata "*ad valorem*" jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi **jew mill-proċess**"[7] (enfasi tal-Qorti). Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti;

20. Illi minbarra dan, ġie deċiż li f'każ fejn kawża tirrigwarda t-tħassir ta' kuntratt minħabba xi ċirkostanza li ġġibu ma jiswiex jew minħabba xi ċirkostanza fejn, għalkemm il-kuntratt jiswa, jista' jitħassar (kawżali ta'

---

[4] Rik. Nru. 381/10RCP fl-ismijiet *Anthony Abela et vs Ronald Cordina et* (maqtugħa fl-24.2.2011)
[5] Ara App. Ċiv. **7.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul Bonniċi vs Buħaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.243**)
[6] P.A. **20.6.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri et vs Buħaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **XLVII.ii.880**)
[7] Par. 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12

rexxissjoni) wieħed irid iħares lejn il-persuna li tressaq il-kawża: b'dan illi jekk l-azzjoni ssir minn wieħed mill-partijiet li deher fuq il-kuntratt, it-tassazzjoni bħala regola ssir "*ad valorem*", filwaqt li fejn l-azzjoni għat-tħassir jew nullità ssir minn terza persuna li jkollha interess, it-tassazzjoni ssir bħala sempliċi "artikolu" jew dikjarazzjoni[8];

21. Illi meta wieħed iqis il-prinċipji hawn fuq imfissrin u japplikahom għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, wieħed għandu jasal għall-fehma li l-ilment tal-appellanti dwar it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji mhux mistħoqq;

22. Illi għalkemm f'din il-kawża l-atturi (l-appellanti) wrew li għandhom interess ġuridiku attwali li jressqu din l-istanza, il-qofol tal-kwestjoni u għaldaqstant it-talba ewlenija fil-kawża oriġinali kienet sabiex il-Qorti ssib li l-Ittra Uffiċjali tad-19 ta' Novembru, 2009[9], maħruġa mill-kreditur kontra l-appellanti (li biha kien talabhom iħallsu dak li kellhom jagħtuh w għaldaqstant irrenda eżegwibbli l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu milħuq magħhom fit-30 ta' Mejju, 2008) titqies li ma tagħtihx il-jedd jippreżenta mandati eżekuttivi kontra l-kumpannija appellanti Venues, u dan għar-raġunijiet imtennija mill-appellanti fis-sitt premessa ta' l-istess rikors promotur tal-kawża oriġinali (minħabba li jgħidu li l-kuntratt ma kienx titolu eżekuttiv li għalih jgħodd l-artikolu 256(2) tal-Kap 12). Fit-

---

[8] App. Ċiv. **15.3.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri et vs Vella noe*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.235**)
[9] Dok "RG1", f'paġ. 32 tal-proċess

tieni talba f'dik il-kawża, l-appellanti (atturi f'dik il-kawża) talbu li l-proċeduri ta' subbasta li kienu nbdew kontrihom jitqiesu nulli u bla siwi, filwaqt li tielet talba kienet titlob it-tħassir tal-liberazzjoni magħmula fl-irkant;

23. Illi għaldaqstant dak li kien qed jiġi kontestat quddiem il-Qorti fil-kawża oriġinali ma kienx il-kreditu nnifsu kif rifless fil-ftehim tat-30 ta' Mejju, 2008, iżda s-siwi tal-eżekuzzjoni tiegħu. F'dik il-kawża ma kienu ser jgħaddu ebda flejjes jew jeddijiet fuq xi proprjetà, anzi t-talba kienet proprju biex dak li kien qed iħabrek għalih il-kreditur bil-ħruġ ta' mandati eżekuttivi, inkluż il-mandat ta' qbid fuq il-proprjetà ta' Venues Limited, ma jseħħx. Jirriżulta li l-kreditu kien il-mertu ta' proċedura oħra quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta[10]. Din iċ-ċirkostanza għandha tkun biżżejjed biex minnha wieħed jagħraf x'kienet tabilħaqq in-natura vera tal-kawża oriġinali;

24. Illi dwar l-ammissjoni tar-Reġistratur appellat li hemm lok għar-ritassa tat-taxxa attakata, il-Qorti tqis li hija biss bis-saħħa tal-proċedura preżenti li taxxa maħruġa mir-Reġistratur tista', b'ordni tal-Qorti, titħassar. Mill-atti tal-kawża lil din il-Qorti ma jirriżultalhiex li r-Reġistratur ressaq xi argument siewi li jsaħħaħ l-aggravju tal-appellanti. Lanqas ma jidher li ta lill-ewwel Qorti xi raġuni siewja biex tqis li kien hemm xi ċirkostanza

[10] Rik. 414/2010 fil-kawża fl-ismijiet *Ronald Cordina vs. Anthony Abela et,* maqtugħa mill-P.A. (GCD) fl-1 ta' April, 2011, paġġ. 413 sa 415 tal-proċess

partikolari li tiġġustifika bidla fil-kriterju ta' tassazzjoni u tilqa' t-talbiet tal-appellanti. Ir-Reġistratur seta' u messu ressaq provi quddiem l-ewwel Qorti – fis-sura ta' taxxi maħduma f'ċirkostanzi simili ta' tħassir ta' atti ta' subbasta – li kienu jixhdu x'inhi l-prattika segwita minnu f'każ bħal dan. Imma ma ressaq l-ebda provi f'dan is-sens. Għalhekk, dak li l-ewwel Qorti ma ikkonvinċihiex, lanqas ma huwa qed jikkonvinċi lil din il-Qorti;

25. Illi, minbarra dan, azzjoni ta' ritassa kif maħsuba fl-artikolu 64 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għandha min-natura ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Ir-Reġistratur li jkun ħareġ it-taxxa ġudizzjarja attakkata jrid juri li wettaq l-għemil tiegħu b'ħarsien tal-liġi u bi tħaddim tajjeb tad-diskrezzjoni mogħtija lilu. F'dan il-każ, ir-Reġistratur deherlu li kien wettaq ħażin id-diskrezzjoni tiegħu u għalhekk qabel mat-talba tal-appellanti. Għalhekk, l-eżerċizzju li kellu jsir f'din il-kawża kien wieħed iżjed rigoruż minn dawk fejn, kif jiġri fil-parti l-kbira tal-każijiet ta' din l-għamla, ir-Reġistratur jisħaq li jkun ħaddem id-diskrezzjoni tiegħu sewwa. Din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti għarblet sewwa ċ-ċirkostanzi tal-każ u taqbel magħha meta qatgħetha li l-fatt li r-Reġistratur jiddikjara li kien żbalja fil-ħruġ ta' taxxa ma jissarrafx awtomatikament f'ammissjoni tat-talba għar-ritassa. Għall-kuntrarju, bit-tħaddim tal-kriterji msemmija qabel għandu joħroġ li d-diskrezzjoni tar-Reġistratur fil-ħruġ tat-taxxa attakkata kien wieħed għaqli u jaqbel ma' dak li titlob il-liġi skond in-natura tal-kawża oriġinali;

26. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel Qorti mxiet tajjeb u skond il-ħaqq meta ċaħdet it-talbiet attriċi. Dan l-aggravju qiegħed għaldaqstant jiġi miċħud;

***Decide:***

27. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-appellanta w tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi. **Bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm